MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.**

Seduta ta' 21 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 2368/1997/1

**Fogg Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Anthony Ebejer abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Anthony Ebejer**

**vs**

**Kenneth Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghlaiex ma ghandux jigi kundannat prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, ihallas lis-socjeta' attrici Fogg Limited is-somma ta' mitejn u wiehed u disghin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm291.47) jew somma ohra verjuri,

ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-assigurat taghha Anthony Ebejer, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u ihallas ukoll lill-attur Anthony Ebejer s-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) ammont rapprezentanti d-danni lilu kagunati bhala rizultat ta' telf ta' uzu tal-vettura tieghu piu' mitt Lira Maltin (Lm100.00) rapprezentanti *excess payment* li ma kienux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Settembru 1996 gewwa B'Kara Road, San Gwann, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAC 917 proprjeta' ta' l-attur Anthony Ebejer, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni KEV u b'digriet tal-Qorti tad-29 ta' Mejju 2000 KEV gew mibdula b'KEN 001, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal–ittra ufficjali ta' Mejju 1997, u dawk ta' l-ittra ufficjali li intbaghtet ma l-avviz lis-socjeta assikuratrici Laferla Insurance Agency Limited u interessi legali mid-data ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta' Mejju 1997 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhaba t-tort u traskuragni tal-eccipjenti izda minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-attur.

2) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suddett, id-danni riklamati mill-attur bhala rizultat tal-kollizjoni huma ezagerati.

3) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkuzi n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi.

Ikkunsidrat

Illi kif risultanti mix-xhieda tal-istess attur, Anthony Ebejer (fol 23 tal-atti) u martu Eunice Ebejer (fol 32 ibid) fuq naha wahda u ta' Saviour Azzopardi missier il-konvenut (Fol 38 ibid) ta' mart il-konvenut Dorothy Azzopardi (fol 41 ibid) u tal-konvenut (fol 44 ibid) l-istess Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti konfliggenti bejniethom.

Illi, l-attur jsostni li kien qed jsuq il-vettura DAC 917 fid-direzzjoni lejn Tas-Sliema u b'volocita normali. F'daqqa wahda giet karozza ohra minn warajh u issorpassatu. Pero, peress li kienet gejja karozza ohra mid-direzzjoni opposta, faccata, dik li kienet qed tissorpassah, misjuqa mill-konvenut, dahlet gol-vettura tieghu. Kif inghat id-daqqa, il-karozza tal-istess attur giet spostjata "fraction biss" lejn ix-xellug ("madwar 30 centimetru"). In rigward dan mart l-attur, Eunice, xehdet, ukoll, li, meta saret il-habta, il-karozza tal-attur ma kienetx wieqfa u qabel l-istess incident "ma konniex parkeggati x'imkien u hrigna mill-parking".

Illi l-konvenut, u x-xhieda prodotti minnu, jsostni li l-karozza misjuqa mil-attur kienet parkeggata mal-genb tat-triq, fuq ix-xellug, waqt li hu kien qed jsuq, bil-mod, minhabba li martu kienet ghadha kemm harget mil-Isptar. Kif kien ser jghaddi mal-karozza l-ohra "din harget lejn il-lemin taghha u ghalhekk dahlet go fija". Hu jsostni, ulterjorment li hu "dejjem bqajt fuq is-"side" tieghu, waqt li cahad dak kollu li kien xehed l-attur u martu.

Ikkunsidrat

Illi jkun ghalhekk opportun li ssir referenza ghall-iskizz maghmul skalat minn PS778 David Sant (fol 13 tal-atti). In rigward l-iskizz, waqt li l-attur qabel mieghu, l-konvenut ikkontestah u ghamel skizz iehor li jinsab "in atti" a fol 47.

In rigward l-istess skrizz tal-Pulizija, ma ingieb xejn a konjizzjoni tal-Qorti sabiex juri jew jindika li l-istess skizz ma hux korrett. Hu minnu li l-istess ufficjal qal li kien difficli ghalih li jiehu l-kejl f'dan il-kaz minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq fejn gara l-incident. Pero jidher ukoll li l-istess skizz sar, b'certa attenzjoni u professjonalita' u b'hekk, ghandu jigi konsiderat bhala esatt u korrett, tenut kont li dan sar mill-uniku xhud indipendenti mill-partijiet involuti.

Illi, b'referenza ghall-istess skizz, dan juri li dak li xehed l-attur jirrispekkja u jirrifletti dak li filfatt gara, fuq basi ta' probabilita, fil-kaz in ezami fis-sens li l-konvenut kien qed jissorpassa l-karozza misjuqa mill-attur u minhabba hekk kellu jmur fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Minhabba li kienet gejja vettura ohra mid-direzzjoni opposta, l-konvenut kellu jiehu "evasive action", kif jinghad fix-xhieda tal-attur, u konsegwentement laqat il-karozza misjuqa minn dan.

Illi, ghalhekk, ikkonstatat ukoll li ma jidhirx li l-attur ikkontribwixxa sabiex jigi kawsat dan l-incident il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident minhabba l-manuvra riskjuza li kien qed jesegwixxi, minghajr id-debita kawtela u attenzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ma jidhirx li l-ammont ta' danni pretiz, mis-socjeta attrici nomine et, gie b'xi mod kontestat .

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tikkundanna lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni globalment fis-somma ta' Lm316.47,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm291.47,0 u lill-attur is-

somma ta’ Lm25 bl-imghax legali mill-31 ta’ Mejju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittri ufficjali ta’ Mejju 1997 u tat-18 ta’ Novembru 1997 msemmiji fl-istess avviz.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur